MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-10 ta' Lulju, 2017

Rikors Maħluf numru 1181/14LM

**David Abela (K.I. 369478M) f'ismu *proprio* kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Eurobridge Shipping Services Limited (C-18912)**

***vs.***

**Giuliano Papagni (K.I. Taljana AN 4287660)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat minn **David Abela** (minn issa 'l quddiem "l-attur") f'ismu proprju, kif ukoll bħala Direttur u Rappreżentant Ġudizzjarju tas-soċjetà **Eurobridge Shipping Services Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), fit-23 ta' Diċembru, 2014), fejn qalu dan li ġej:

1. *Illi l-intimat huwa debitur tas-soċjetà Eurobridge Shipping Services Limited għas-somma ta' sittin elf sebgħa u sebgħin euro u sittax-il ċenteżmu (€60,077.16) rappreżentanti fatturi għal servizzi ta' freight forwarding reżi mis-soċjetà rikorrenti lis-*

*soċjetà Globe Logistics S.r.l. reġistrata fl-Italja (kif jidher mir-rendikont anness bħala Dok. E1[1]) li tagħha l-intimat huwa Direttur u li permezz ta' ftehim datat it-13 ta' Novembru, 2012 (kopja annessa bħala Dok. E2[2]), huwa kkostitwixxa ruħu personalment responsabbli bħala garanti għal kull somma dovuta kemm lis-soċjetà rikorrenti kif ukoll lir-rikorrent David Abela personalment;*

2. *Illi l-intimat huwa debitur ukoll tas-soċjetà rikorrenti Eurobridge Shipping Services Limited għas-somma ta' sbatax-il elf, erba' mija u tmenin euro u dsatax-il ċenteżmu (€17,480.19) rappreżentanti bilanċ ta' somma akbar mogħtija mis-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà Globe Logistics S.r.l. li tagħha l-intimat huwa garanti kif ingħad bħala self (kif jidher mir-rendikont anness bħala Dok. E3[3]), inkluż imgħaxijiet bir-rata ta' 6.45% skont kif ġie patwit (ara email annessa bħala Dok. E4[4]);*

3. *Illi l-intimat huwa debitur ukoll tar-rikorrent David Abela personalment wara li s-soċjetà Globe Logistics S.r.l. li tagħha l-intimat huwa garanti kif ingħad, naqset milli tħallas l-overdraft tagħha b'konsegwenza li l-bank Intesa San Paolo S.p.A. invoka l-garanzija li kellu David Abela kontra dan l-overdraft u l-istess bank ġibed il-garanzija ta' għaxart elef euro (€10,000.00) mill-kont personali tar-rikorrent, kif jidher mill-korrispondenza mibgħuta mill-bank lir-rikorrent proprio (immarkati Dok. E5 sa E7[5]);*

4. *Illi l-intimat huwa debitur ukoll tar-rikorrent David Abela personalment wara li s-soċjetà Globe Logistics S.r.l. li tagħha l-intimat huwa garanti kif ingħad, naqset milli tħallas l-overdraft tagħha b'konsegwenza li l-bank Intesa San Paolo S.p.A. invoka l-garanzija li kellu David Abela kontra dan l-overdraft f'isem Dr Giampiero Sara (skont l-iskrittura privata annessa u mmarkata Dok. E8[6]) u żbanka s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, seba' mija u sbatax-il euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€24,717.53[7]) mill-fondi tar-rikorrent li kienu miżmuma f'kont f'isem Dr Giampiero Sara, li minnu r-rikorrent proprio kellu sehem ta' 47.5%;*

---

[1] *A fol.* 10.

[2] *A fol.* 11 u 12 tal-proċess ġie esebit parti biss mill-ftehim. Fi klawsola 2, il-konvenut iggarantixxa personalment kull somma garantita mill-attur dovuta minn Globe Logistics s.r.l. u dan f'każ li Globe Logistics srl tagħlaq għal raġunijiet li ma jkunx responsabbli direttament l-attur, filwaqt li fi klawsola 3, il-konvenut iggarantixxa kull somma mislufa mis-soċjetà attriċi lil Globe Logistics s.r.l.

[3] *A fol.* 13.

[4] *A fol.* 14.

[5] *A fol.* 15 sa 17.

[6] *A fol.* 18 sa 21.

[7] Kalkolu maħdum fuq 47.5% ta' €52,036.90, li jinkludi l-kapital maħruġ ta' €50,000 inkluż imgħaxijiet kif jidher mill-i*statement* anness bħala "Dok. E9" *a fol.* 22 tal-proċess.

5. *Illi r-rikorrent David Abela proprio f'dawn l-aħħar xhur kien sellef diversi somom lis-soċjetà Globe Logistics S.r.l. ammontanti għas-somma komplessiva ta' tlieta u ħamsin elef tliet mija u wieħed u ħamsin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€53,351.25), kif jidhru fl-istatement bankarju tal-Bank of Valletta p.l.c anness bħala "Dok. E10"*[8]*, sabiex din tħallas id-djun tagħha, prinċipalment salarji għall-impjegati tagħha, kif ukoll għal krediti oħra. Għalhekk kif ġja spjegat, dawn l-ammonti huma dovuti lir-(recte) rikorrent proprio mill-intimat personalment bħala garanti tas-soċjetà Globe Logistics S.r.l.;*

6. *Illi r-rikorrent David Abela proprio huwa kreditur tas-soċjetà Globe Logistics S.r.l. għas-somma ta' sitt elef u tmien mitt euro (€6,800) rappreżentanti erba' (4) fatturi għas-servizzi ta' konsulenza u rappreżentanza prestati minnu lis-soċjetà Globe Logistics S.r.l. fuq struzzjonijiet u għal benefiċċju tagħha, bejn Ottubru 2013 u Jannar 2014, kif jidher mill-istatement mibgħut mis-soċjetà Globe Logistics S.r.l. lir-rikorrent David Abela proprio annessa bħala "Dok. 11".*[9] *Għalhekk kif ġja spjegat, dawn l-ammonti huma dovuti mir-rikorrent proprio mill-intimat personalment bħala garanti tas-soċjetà Globe Logistics S.r.l.;*

7. *Illi għalkemm interpellat diversi drabi sabiex jaddivjeni għall-ħlas tas-somma minnu dovuta, l-intimat baqa' inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;*

8. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

9. *Illi dan l-ammont dovut mill-intimat lill-esponenti hu dejn ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-esponenti, l-intimat m'għandu ebda eċċezzjoni xi jissolleva kontra l-pagament tad-dejn imsemmi;*

10. *Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi a tenur tal-Artikoli 167 et seq sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddeċiedi l-kawża skont it-talba bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikoli 167 et seq sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa;*

---

[8] *A fol.* 23 sa 25.

[9] *A fol.* 26.

*(1) Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma globali ta' sebgħa u sebgħin elf ħames mija u sebgħa u ħamsin euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€77,557.35) dovuta kif fuq ingħad, bl-interessi legali relattivi mid-data tal-aħħar pagament li sar fit-30 ta' April, 2014, sad-data tal-pagament effettiv;*

*(2) Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrent David Abela proprio fis-somma globali ta' erbgħa u disgħin elf sitt mija u sitta u tmenin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€94,686.78) mid-data tal-aħħar pagament li sar fis-16 ta' Diċembru, 2014, sad-data tal-pagament effettiv;*

*(3) Tikkundanna lill-intimat iħallas dan id-debitu, inkluż l-ispejjeż tal-preżenti.*

*L-intimat huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti mogħti fl-udjenza tat-2 ta' Frar, 2015, fejn ingħata terminu ta' għoxrin jum għar-risposta maħlufa tal-konvenut in vista li dan deher li kellu eċċezzjonijiet x'jingħataw nonostante li l-atturi talbu li l-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikoli 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Giuliano Papagni** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") ippreżentata minnu stess fl-20 ta' Frar, 2015, fejn eċċepixxa:

1. *Illi in linea preliminari, l-esponenti jeċċepixxi l-irregolarità tan-"notifika" tal-atti tar-rikors ġuramentat promutur li jirrendu vizzjat il-proċess tan-notifika in kwantu n-notifika tal-atti tar-rikors ġuramentat u tal-avviz tas-smigħ ma sarux in linea mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas mad-dispożizzjonijiet tal-Regolament Ewropew 1393/2007;*

2. *Illi minghajr preġudizzju għall-premess u in linea preliminari wkoll, din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni illi tisma' l-kawża odjerna kif proposta stante illi l-fattispecje kif deskritti ma jinkwadrawx ruħhom taħt l-ebda waħda mid-*

*dispożizzjonijiet tal-Artikolu 742 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi, in meritu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

4. *Illi l-garanzija personali allegatament kostitwita in forza tal-ftehim privat datat 13 ta' Novembru, 2012 mhijiex valida jew inforzabbli u dana stante li ma tistax tingħata garanzija għal ammont li mhuwiex ċert, huwa indeterminat, u anzi jittratta kreditu futur u għalhekk ipotetiku;*

5. *Illi inoltre u bla preġudizzju għall-premess, il-garanzija personali allegatament kostitwita in forza tal-ftehim fuq imsemmi mhijiex inforzabbli stante li tali garanzija kienet soġġetta għal kondizzjoni kontenuta fi kwalsola 2 tal-imsemmi ftehim, ossia "if Globe will have to be closed down for some reason other than from [sic] reasons for which David is directly responsible", liema kundizzjoni għandha tiġi qabel xejn pruvata;*

6. *Illi f'kull każ, u dejjem bla preġudizzju għall-premess, il-garanzija personali allegatament kostitwita ma tapplikax għal krediti pretiżi mir-rikorrenti pro et noe, partikolarment iżda mhux unikament peress li tali garanzija kienet limitata għal self mogħtija mis-soċjetà rikorrenti lil jew f'isem Globe u, f'kull każ, applikabbli biss jekk tiġi xolta l-Globe Logistics Srl;*

7. *Illi bla preġudizzju għall-premess, f'każ li titqies valida l-garanzija personali, il-ftehim imsemmi bejn il-kontendenti hu wieħed bilaterali u għalhekk ir-rikorrenti pro et noe ma jistgħux jippretendu twettiq ta' obbligi meta l-istess rikorrenti pro et noe kisru l-kundizzjonijiet tal-ftehim u/jew naqsu li jwettqu l-obbligi tagħhom skont l-imsemmi ftehim, kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

8. *Illi inoltre, ir-rikorrenti proprio, agixxa b'mod abbużiv u irregolari, u kemm f'ismu bhala amministratore uniku tas-soċjetà Globe Logistics Srl, kif ukoll fil-kapaċità tiegħu ta' direttur tas-soċjetà rikorrenti, u anke fil-kors tal-kariga tieghu bħala likwidatur, b'kunflitt ta' interess pależi, u b'hekk espona lill-esponenti għal riskji ferm onerużi li ma kinux previsti fil-ftehim fuq imsemmi u ikkawża ħsara lis-soċjetà Globe Logistics Srl u konsegwentement lill-esponenti bl-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet li ttieħdu unikament minnu;*

9. *Illi għalhekk l-ammont pretiż mir-rikorrenti pro et noe mhuwiex dovut.*

10. *Illi bla preġudizzju għall-premess, tali ammont pretiż mir-rikorrenti pro et noe għandu jiġi pruvat;*

11. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat is-sentenza preliminari tal-11 ta' Lulju, 2016, fejn din il-Qorti, għar-raġunijiet hemm spjegati, ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut limitatament fir-rigward tas-sitt pretensjoni attriċi[10], però laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut dwar nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti skont l-Artikolu 742 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, limitatament fir-rigward tal-ewwel sal-ħames pretensjoni tal-atturi[11] u ordnat għalhekk il-prosegwiment tal-kawża fil-mertu limitatament fir-rigward tas-sitt pretensjoni tal-attur dwar ħlasijiet li huwa jgħid li huma dovuti lilu rigward servizzi ta' konsulenza u rappreżentanza prestati minnu lis-soċjetà Globe Logistics S.r.l. fuq struzzjonijiet u għal benefiċċju tagħha bejn Ottubru 2013 u Jannar 2014, liema ammonti huma skont l-attur dovuti lilu mill-konvenut personalment bħala garanti tas-soċjetà Globe Logistics S.r.l.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

---

[10] Is-sitt premessa tar-Rikors Maħluf.

[11] Ara s-sentenza preliminari *a fol.* 125 sa 132.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta' Mejju, 2017, fejn dehret biss l-Avukat Josette Grech għall-konvenut u fejn il-kawża ġiet trattata, liema trattazzjoni ġiet reġistrata bil-mezz eletroniku, u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kwistjoni li għad fadal pendenti bejn il-partijiet f'din il-kawża wara s-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tal-11 ta' Lulju, 2016, tirrigwarda l-pretensjoni tal-attur dwar servizzi ta' konsulenza u rappreżentanza allegatament reżi mill-attur f'Malta fis-somma ta' €6,800 skont erba' (4) fatturi[12] maħruġa mill-attur lis-soċjetà Globe Logistics S.r.l., liema ħlasijiet kienu skont l-attur garantiti mill-konvenut *ai termini* tal-ftehim tat-13 ta' Novembru, 2012.[13]

Skont dan il-ftehim:

1. L-attur u il-konvenut qablu li jkomplu jassumu r-responsabilitajiet tagħhom ta' diretturi ta' Globe Logistics S.r.l. (minn issa 'l quddiem imsejħa "Globe"), kumpannija rreġistrata fl-Italja u bin-numru tal-VAT Taljan, u li jkomplu jirsistu biex ikattru n-negozju ta' din il-kumpannija.

[12] Skont rendikont ippreżentat mar-Rikors Maħluf *a fol.* 26 tal-proċess.
[13] Li ġie esebit fl-intier tiegħu *a fol.* 115 sa 117 tal-proċess

2. Il-konvenut iggarantixxa personalment li jirrifondi s-somma ta' €40,000 li David Abela ddepożita f'banek Taljani bħala garanzija għal Globe jew kwalunkwe somma oħra li jista' jiddepożita f'banek Taljani bħala garanzija għal Globe jekk Globe tagħlaq għal kwalunkwe raġuni mhux imputabbli direttament lill-attur;

3. Il-konvenut iggarantixxa personalment kwalunkwe self li Eurobridge Shipping Services Limited (minn issa 'l quddiem "Eurobridge") tista' tagħmel lil Globe;

4. Il-konvenut intrabat li jmexxi lil Globe bl-aħjar mod possibbli u jagħmel tajjeb għal telf li jista' jkollha;

5. Eurobridge tat l-esklussività lil Globe għat-trasport, loġistika u ħażna ta' prodotti li joriġinaw fl-Italja;

6. Eurobridge kellha tħallas l-ammonti kollha dovuta lil Globe kull darba li l-ammont dovut jitla' għal €25,000;

7. Globe kellha tħallas il-kontijiet tal-attur qabel id-data ta' skadenza miftiehma mill-partijiet u kif indikat fl-istess *invoices*;

8. Il-konvenut iggarantixxa personalment kwalunkwe bilanċ li jibqa' dovut bejn Eurobridge u Globe jekk din tal-aħħar ixxolji u fejn ma jkunx hemm ftehim.

Limitatament għar-rigward ta' din il-pretensjoni, il-konvenut eċċepixxa li: l-garanzija personali mhijiex valida stante li ma tistax tingħata garanzija għal ammont li mhuwiex ċert, huwa indeterminat, u anzi jittratta kreditu futur u għalhekk ipotetiku; il-garanzija personali tal-konvenut ma tapplikax għall-kreditu pretiż iżda tapplika għas-self; l-attur ma jistax jippretendi twettiq tal-ftehim meta hu ma wettaqx l-obbligi tiegħu; u inoltre l-attur aġixxa b'mod abbużiv, irregolari u b'kunflitt ta' interess u għaldaqstant l-ammont pretiż mhux dovut.

**Provi u riżultanzi**

Il-provi li jridu jiġu eżaminati mill-Qorti f'dan l-istadju huma dawk limitati (1) għas-servizzi allegatament reżi mill-attur lis-soċjetà Globe Logistics S.r.l. ammontanti għas-somma mitluba ta' €6,800; (2) u jekk il-ħlas tal-imsemmija somma kienx garantit mill-konvenut.

Min-naħa tal-attur, **David Abela**, fil-paragrafu 6 tar-Rikors Maħluf tiegħu, jgħid li servizzi ta' konsulenza u rappreżentanza prestati minnu bejn Ottubru 2013 u Jannar 2014 lis-soċjetà Globe Logistics S.r.l. fuq struzzjonijiet u għall-benefiċċju tagħha, kif indikat f'erba' (4) fatturi għall-ammont komplessiv ta' €6,800 u kif jidher mill-i*statement* mibgħut mis-soċjetà Globe Logistics S.r.l. lill-attur David Abela *proprio* anness bħala "Dok. 11".[14] Dan l-i*statement* huwa datat 8 ta' Lulju, 2014 u stranament ġie magħmul fuq *letterhead* tas-soċjetà

[14] *A fol.* 26 tal-proċess, li hi fuq *letterhead* ta' Globe Logistics S.r.l.

"debitriċi" u qed jagħmel riferiment għal erba' fatturi mingħajr ma jindika d-data tagħhom.

L-attur fl-affidavit tiegħu jgħid li[15]:

> "Kien hawn li fil-fatt sirt naf li l-bilanċ bankarju li f'Lulju kellu jkun ta' €42,000 minn taħt, kien fil-fatt €85,000 minn taħt!!! Bejn Ottubru 2013 u Jannar 2014[16], kien it-'*turn*' tiegħi li niġi nieqes u f'dan iż-żmien ma baqax iħallasli l-*invoices* personali tiegħi kif kien marbut li jagħmel skont il-kuntratt ta' bejnietna, filwaqt li ...."

In kontroeżami[17], mistoqsi x'tip ta' servizzi ppresta f'Malta lil Globe Logistics S.r.l., l-attur jgħid vagament li dawn kienu fir-rigward ta' bejgħ li kien jagħmel qisu bħala rappreżentant ta' Globe Logistics hawn Malta. Meta reġa' ġie mistoqsi speċifikatament fiex kienu jikkonsistu dawn is-servizzi, l-attur jerġa' jgħid:

> "Bħala bejgħ ta' servizzi ta' Globe Logistics lill-klijenti tagħna ta' Malta għax ovvjament l-Italja kien jieħu ħsiebha Giuliano, jiena kont nieħu ħsieb Malta."

Aktar minn hekk l-attur ma jsemmi xejn speċifiku dwar xiex kienu dawn l-erba' ħlasijiet identiċi ta' €1,700-il wieħed. Lanqas wara s-sentenza preliminari, fejn din l-Qorti kkonfermat li l-ġurisdizzjoni tagħha kienet limitata biss għas-sitt pretensjoni tal-attur, l-attur ma ressaq ebda provi fir-rigward ta' dawn l-erba' ħlasijiet identiċi.

---

[15] *A fol.* 31 u 32.
[16] Dawn huma d-dati li jsemmi l-attur fir-Rikors Maħluf, meta suppost ippresta servizzi ta' konsulenza u rappreżentanta lis-soċjetà Globe Logistics S.r.l.
[17] *A fol.* 96.

Min-naħa l-oħra l-konvenut **Guiliano Papagni** fl-affidavit tiegħu speċifikatament dwar is-sitt pretensjoni tal-attur jgħid[18]:

> *"I would like to emphasize that there was no agreement that David Abela will be invoicing Globe Logistics Srl or that he was going to give any consultancy services to the company. There is no explanation of what these consultancy services were supposed to be. There is no evidence that David Abela has provided any services to the Company during the months of October, November and December 2013."*

Tant li f'*e-mail* mibgħuta minn mart l-attur, Jennifer Abela datata 10 ta' Jannar, 2014[19], hi tiddeskrivi dan il-ħlas, li sa dakinhar kien biss ta' tliet xhur u għalhekk fis-somma ta' €5,100, mhux għal xi servizzi partikolari però sempliċement bħala salarju mensili dovut lill-attur u għalhekk tikkontradixxi kompletament dak li jgħid żewġha fir-Rikors Maħluf.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-iskrittura privata tat-13 ta' Novembru, 2012[20], jirriżulta li l-konvenut kien personalment iggarantixxa s-segwenti:

> *"2) ........, the fourty thousand euro (€40,000.00) or any other sum which David has or will have deposited in Italian Banks as a guarantee on behalf of Globe or for use of Globe, he (that is, Giuliano) will refund the said amount personally to David.*
>
> *...*

[18] *A fol.* 142.
[19] *A fol.* 155.
[20] *A fol.* 115 sa 117

> *3) Giuliano personally guarantees any loan that Eurobridge will lend to or on behalf of Globe until full settlement of the loan is made by Globe.*
>
> *....*
>
> *8) Giuliano personally guarantees any balance that remains outstanding between Eurobridge and Globe, if the latter were to close and where there is no agreement."*

Il-garanzija personali tal-konvenut kienet fir-rigward biss ta' kull self li s-soċjetà attriċi tista' tagħmel lis-soċjetà konvenuta Globe Logistics S.r.l. Fl-imsemmi ftehim evidentement ma ġietx stipulata l-garanzija personali tal-konvenut għad-djun kollha li kellha jew li seta' jkollha Globe Logistics versu l-attur. Tant hu hekk li fl-affidavit tiegħu l-attur jgħid[21] li biex jerġa' jixtri ishma u jġib *loan* għal Globe Logistics S.r.l., kien ikkonvinċa lill-konvenut jiġi Malta biex jiffirma l-iskrittura tat-13 ta' Novembru, 2012 'il għaliex l-intenzjoni dejjem kienet li l-konvenut kellu jagħmel tajjeb biss f'ċerti ċirkostanzi għas-self li jagħmel l-attur jew is-soċjetà attriċi lil Globe.

Illi fix-xhieda tagħha **n-nutar Mary *sive* Mariella Mizzi**[22] tgħid li l-iskrittura privata saret fil-preżenza tal-attur. In kontroezami x-xhud tikkonferma[23] li kienet ġiet inkarigata mill-attur biex tirrediġi l-iskrittura u li l-attur seta' qalilha qabel x'ried jitniżżel fl-iskrittura u probabbilment dak li ried l-attur kien diġà tniżżel fl-iskrittura iżda mhux ittajpjat u finalment l-iskrittura saret kif riduha ż-żewġ partijiet. Ix-xhud hija ċerta wkoll li dak kollu li riedu li jiniżżel il-partijiet kien rifless fl-imsemmija skrittura.

[21] *A fol.* 31.
[22] Affidavit *a fol.* 103.
[23] *A fol.* 110 sa 112.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi kif inhu risaput, il-Qorti trid tiddeċiedi skont il-liġi iżda sintendi abbażi tal-provi li jiġu prodotti quddiemha mill-partijiet. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, illi min jallega jrid jipprovah hu dak li jallega, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li l-attur irid għalhekk jipprova l-pretensjoni tiegħu, fl-istess ħin is-soċjetà konvenuta trid tissostanzja dak li ġie eċċeput minnha. F'dan il-każ l-oneru tal-prova dwar il-kreditu pretiż kien jinkombi fuq l-attur, li mhux talli ma ppruvax il-pretensjoni tiegħu u ma ppreżenta ebda provi ta' sustanza dwar l-allegati konsulenzi jew rappreżentanzi li suppost għamel, imma saħansitra ġie kontradett b'*e-mail* li fi żmien rilevanti kienet bagħtet il-mara tiegħu stess.

Illi evidentement il-Qorti ma tistax tibbaża fuq sempliċi allegazzjonijiet mhux sostanzjati jew ikkorraborati, u kif ingħad fis-sentenza **Dr H. Lenicher *vs.* J. Camilleri:**[24]

> "F'kawżi ċivili l-attur li jallega li xi ħaġa ġratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma jistax ikollha eżitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - għaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-inċident ikun ġara tort tal-attur. Dan mhux għaliex it-tort għall-inċident ikun tal-attur imma sempliċement għaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bħala bażi tal-azzjoni tiegħu".
>
> Hekk ukoll hawn mhux qed jingħad li effettivament ma sarx xi manuvrar biex jiġi evitat li l-vapur jinqabad għad-djun preċedenti, iżda sempliċement li dan bl-ebda mod ma ġie ppruvat mis-soċjetà attriċi."

[24] P.A., 31.05.1972.

Bl-istess mod kreditu ma jistax jiġi ppruvat fuq sempliċi allegazzjoni biss. Kif sewwa qalet l-avukat difensur tal-konvenut, l-i*statement,* jekk wieħed jista' jsejjaħlu *statement*, prodott mill-attur, jagħmel riferiment għal żmien meta l-attur kien qed imexxi s-soċjetà li hu allegatament kreditur tagħha. L-i*statement* sar proprju meta l-attur kien likwidatur tal-imsemmija soċjetà.[25]

Tqis li l-attur finalment ma rnexxilux jipprova li hu fil-fatt kien kreditur tas-soċjetà Globe Logistics S.r.l. fis-somma ta' €6,800 għal servizzi u rappreżentanzi reżi minnu lil din soċjetà.

Illi l-Qorti tista' tieqaf hawnhekk fil-kunsiderazzjonijiet tagħha għax ikun inutili li tidħol fil-mertu dwar jekk il-konvenut kienx garanti personalment għal ħlas tal-imsemmija somma meta l-eżistenza tal-kreditu ma ġietx ippruvata a sodisfazzjon tal-Qorti.

Però għas-sens ta' kompletezza għandu jingħad li l-konvenut ma kellux għalfejn jidħol f'ċertu dettalji dwar il-garanzija, ċjoè li kellha tinġieb il-prova li l-kundizzjoni li l-garanzija kienet biss valida jekk is-soċjetà Globe Logistics S.r.l. ma tkunx iktar teżisti, avverat ruħha. Wara kollox huwa prinċipju kardinali fil-każ ta' garanzija ġenerali, li l-ewwel l-kreditur irid idur fuq d-debitur prinċipali qabel ma jdur fuq il-garanti, kif *del resto* jistipula l-artikolu 1934 tal-Kodiċi Ċivili. Il-konvenut lanqas ma kellu għalfejn jeċċepixxi illi l-garanzija personali mhijiex valida stante li ma tistax tingħata garanzija għal ammont li mhuwiex ċert u huwa indeterminat jew li kien hemm xi aġir illegali da parti tal-attur li jimpedih li jdur fuq l-istess garanti. Dan għaliex kulma għandha tagħmel il-

[25] Ara d-dokument *a fol.* 149 tal-proċess minn fejn jirriżulta li l-attur ġie nominat likwidatur fl-20 ta' Mejju, 2014 tas-soċjetà Globe Logistics S.r.l. u l-i*statement* sar fuq *letterhead* tagħha stess (ara *fol.* 26 tal-proċess) fit-8 ta' Lulju, 2014, meta l-attur kien il-likwidatur tal-istess soċjetà.

Qorti f'dan l-istadju huwa li teżamina jekk għad-dejn allegat mill-attur fil-konfront tas-soċjetà Globe Logistics S.r.l., li kieku għas-saħħa tal-argument ġie ppruvat, il-ħlas tiegħu kienx personalment iggarantit mill-konvenut skont il-ftehim tat-13 ta' Novembru, 2012. Ir-risposta għal dan il-kweżit hija pależament fin-negattiv.

L-artikolu 1002 tal-Kap. 16 jipprovdi li:

> "Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skond l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni."

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Lay Lay Company Limited *vs.* L-Ghajn Construction Company Limited**[26], ingħad:

> "Hawhekk opportun li jiġu ribaditi ċerti prinċipji regolanti materji ta' kuntratti –
>
> i) F'materja kontrattwali l-ftehim hu liġi għall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodiċi Ċivili; **Carmelo Bajada *noe vs.* Fr. S. Cachia *et noe*** (A.K. deċiż 16 ta' Lulju 1973);
>
> ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Ċivili li jgħid li meta l-kliem tal-kuntratt meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar m'hemmx lok għal interpretazzjoni (Kollez. **Vol.XXXIV.i.p27**). L-interpretazzjoni għandha tittieħed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji, speċjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva għall-kwistjoni prinċipali.
>
> iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher ċar mill-pattijiet meħudin flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "din ir-regola għandha tiġi sewwa apprezzata u

[26] 28.06.2011.

applikata. Irid jirriżulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun jista' biss jiġi nterpretat b'mod univoko għax hu ċar. Irid jirriżulta wkoll li dan is-sens ċar tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'moħħom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi waħda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt meħudin flimkien (**J. Bartolo *et v*s. A. Petroni** deċiża 7 ta' Ottubru, 1997).

iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa, imma dak li huwa importanti "hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jorbot" (**J. Zammit *vs.* Michael Zammit Tabone *et noe*** – Appell Superjuri deċiż 28 ta' Frar, 1997).

Illi mill-provi prodotti mill-attur, senjatament ix-xhieda tan-nutar Mariella Mizzi, il-ftehim tat-13 ta' Novembru, 2012 kien jirrifletti b'mod preċiż ir-rieda tal-partijiet u f'din l-iskrittura hija ma ħalliet xejn barra minn dak li kien miftiehem bejn il-partijiet. L-imsemmi skrittura kienet tispeċifika illi l-konvenut iggarantixxa personalment li jirrifondi s-somma ta' €40,000 li David Abela kien iddepożita f'banek Taljani bħala garanzija għal Globe jew kwalunkwe somma oħra li jista' jiddepożita f'banek Taljani bħala garanzija għal Globe jekk din tal-aħħar tagħlaq minħabba kwalunkwe raġuni mhux imputabbli direttament lill-attur. Jirriżulta għalhekk li l-konvenut ma daħal garanti personali għal ebda dejn ieħor ta' Globe, partikolarment għal ħlasijiet ta' servizzi ta' konsulenzi jew ta' rappreżentanza allegatament dovuti lill-attur mis-soċjetà Globe Logistics S.r.l.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant wara li bis-sentenza preliminari mogħtija fil-11 ta' Lulju, 2016 din il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawża limitatament dwar il-pretensjoni tal-attur kif dedotta fis-sitt (6) paragrafu tar-Rikors Maħluf, għar-raġunijiet suesposti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**(1) tiddikjara li l-pretensjoni tal-attur kif dedotta fis-sitt (6) paragrafu tar-Rikors Maħluf għall-ħlas tas-somma ta' sitt elef u tmin mitt Euro (€6,800) għal servizzi ta' konsulenza u rappreżentanza allegatament ipprestati lis-soċjetà Globe Logistics S.r.l., ma ġietx ippruvata għas-sodisfazzjoni tal-Qorti u li fi kwalunkwe każ ma ġiex ippruvat li l-konvenut Giuliano Papagni kien daħal garanti personalment għal imsemmija pretensjoni tal-attur;**

**(2) tiċħad għalhekk il-pretensjoni tal-attur kif dedotta fis-sitt (6) paragrafu tar-Rikors Maħluf.**

**Bl-ispejjeż, ta' dawn il-proċedimenti, salv l-ispejjeż tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut li ġew deċiżi skont is-sentenza preliminari tal-11 ta' Lulju, 2016, kontra l-atturi.**

Moqrija.